



Il-Kummissjoni
Ewropea

IL-PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ DWAR IL-PREPARATEZZA

Pakkett ta' Informazzjoni

*150 ċittadin magħżula b'mod
aleatorju mill-UE kollha biex jiddiskutu
l-preparatezza tal-popolazzjoni*



Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026


© L-Unjoni Ewropea, 2026



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Werrej

1 INTRODUZZJONI	3
Min qed jorganizza dan il-panel?	3
2 IL-PROĊESS	4
X'inhuma l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej?	4
Kif se jaħdem dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Preparatezza?	4
3 IL-KOMPITU	6
Fuq xiex se tkun qed taħdem?	6
Ir-rwol tiegħek	7
4 IS-SUĠĠETT	8
A) X'inhuma l-preparatezza?	8
B) Il-preparatezza liema aspetti tkopri?	8
C) X'inhuma l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza?	9
D) X'inhuma l-impatti u l-kompromessi potenzjali?	9
E) X'jeħtieġ li jiġi diskuss?	10
5 RIŻORSI ADDIZZJONALI	11
Lista ta' riżorsi ssuġġeriti:	11
Jekk trid tkun taf saħansitra aktar:	11





EUROPEAN CITIZENS' PANEL

New European Budget



European Citizens' Panel
on a new EU Budget fit
for our ambitions

1/ Introduzzjoni

Merħba mill-qalb fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Preparatezza. Grazzi talli ngħaqadt magħna. Nittamaw li din l-esperjenza tkun waħda pjaċevoli, ta' ispirazzjoni u sinifikattiva għalik! Billi taċċetta l-istedina tal-Kummissjoni Ewropea, inti tkun qed tieħu sehem fi vjaġġ speċjali. Mis-sena 2021, kważi 2 000 persuna minn madwar l-Ewropa ngħaqdu f'Panels taċ-Ċittadini Ewropej simili. Huma kkondividew il-fehmiet tagħhom u għenu fit-tiswir tal-politiki tal-UE. Issa jmiss lilek!

Inti persuna mill-150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) biex tiddiskuti s-suġġett kruċjali tal-**preparatezza tal-popolazzjoni**. Inti se tkun qed tagħmel dan billi tinvolvi ruħek ma' esperti u ma' ċittadini oħra matul tliet sessjonijiet fir-rebbiegħa tal-2026.

Inti dalwaqt se tibda vjaġġ importanti: diskussjoni taċ-ċittadini dwar kif persuna tħejji ruħha għall-kriżijiet. Meta ngħidu kriżi, qed infissru avvenimenti serji li jistgħu jfixklu lill-komunitajiet u jagħmlu l-ħajja ta' kuljum diffiċli għal ħafna nies. Dan jinkludi temp estrem, pandemiji, qtugħ tal-elettriku fit-tul, attacchi ċibernetiċi, jew theddid ibridu. Li persuna tkun ippreparata jfisser li tieħu azzjoni qabel ma sseħħ xi ħaġa.

Flimkien, se taħsbu dwar kif l-Ewropa u l-popolazzjoni tagħha jistgħu jistennew aħjar tipi differenti ta' kriżijiet, kif jistgħu jippreparaw u jirrispondu aħjar għalihom, u kif jistgħu jirkupraw aħjar minnhom.

MIN QED JORGANIZZA DAN IL-PANEL?


Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Preparatezza huwa organizzat mill-**Kummissjoni Ewropea**. Il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni tal-UE li tipproponi liġijiet ġodda u tiżgura li dawk diġà eżistenti jiġu segwiti. Hija tieħu ħsieb ix-xogħol ta' kuljum tal-UE — bħat-tmexxija ta' programmi u l-ġestjoni tal-baġit. Hija taħdem biex ittejjeb il-ħajja fl-Ewropa f'oqsma bħall-kummerċ, l-ambjent u l-kompetizzjoni leali. Hija tappoġġa wkoll lill-Istati Membri tal-UE fl-isforzi nazzjonali tagħhom biex isaħħu s-sistemi tal-amministrazzjoni, tal-edukazzjoni u tas-saħħa, u biex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun lesta tiffaċċja kriżijiet differenti bħala ħaġa waħda.

Waħda mill-inizjattivi li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa hija [l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza](#) ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2025. L-Istrateġija tiddependi fuq l-organizzazzjonijiet lokali u ċ-ċittadini biex isiru parteċipanti attivi fil-bini tar-reżiljenza kollettiva għal kriżijiet kontinwi u futuri.

Għad iridu jiġu żviluppati ħafna attivitajiet proposti mill-Istrateġija. Ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tiegħek se jikkontribwixxu biex jissawru xi wħud minn dawk l-attivitajiet u jiżguraw li dawn ikunu inklużivi, effettivi u allinjati mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha. Flimkien ma' parteċipanti oħra, inti se tgħin biex tfassal il-futur tal-preparatezza tal-UE.

Dan il-“Pakkett ta' Informazzjoni” se jgħin biex jiggwidak pass pass. Huwa maqsum fi tliet partijiet.

- **Il-proċess:** X'inhuma l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej?
- **Il-kompitu:** Fuq xiex se tkun qed taħdem?
- **Is-sugġett:** X'għandek tkun taf dwar il-preparatezza?



2/ Il-proċess

X'INHUMA L-PANELS TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ?

Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej ilaqqgħu flimkien lil 150 parteċipant magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex jiddiskutu inizjattivi futuri li huma importanti għall-futur tal-UE. Issa jmiss lilek. Inti se tingħaqad ma' 149 parteċipant ieħor, magħżula biex jirriflettu d-diversità taċ-ċittadini tal-UE — pereżempju f'termini tal-età, il-ġeneru, jew in-nazzjonalità tagħhom. Wieħed minn kull tliet membri tal-panel se jkun taħt l-età ta' 29 sena. Flimkien, intom se tiffurmaw il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Preparatezza.

Il-Panels taċ-Ċittadini fil-livell Ewropew inħolqu għall-ewwel darba matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tal-2021–2022. Il-Konferenza wriet kemm jista' jkun siewi l-kontribut taċ-ċittadini, u t-800 ċittadin magħżula b'mod aleatorju talbu aktar modi kif ikunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni għamlet il-Panels taċ-Ċittadini parti regolari mit-tfassil tal-politika Ewropea. Minn dakinhar 'l hawn, iċ-ċittadini ħadmu fuq suġġetti [bħall-ħela tal-ikel](#), [it-tiswir ta' dinjiet virtwali](#), [it-trawwim tal-mobbiltà għat-tagħlim](#), [l-effiċjenza enerġetika](#), [l-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà](#), [il-baġit fit-tul tal-UE](#) u [l-ekwiwità interġenerazzjonali](#).

KIF SE JAĦDEM DAN IL-PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ DWAR IL-PREPARATEZZA?

Il-Panel jikkombina l-ħidma kollaborattiva fi **gruppi żgħar** (ta' madwar 12-il persuna kull wieħed) u f'**sessjonijiet akbar** fejn kulħadd jingħaqad flimkien (imsejħa "plenarji"). Fil-gruppi ż-żgħar, inti se tesplora aspetti differenti tas-suġġett tal-preparatezza f'aktar dettall, tiskambja l-fehmiet u tabbozza ideat għar-rakkomandazzjonijiet finali. Fil-plenarji, inti se tkun tista' tikkondividi l-ħsibijiet tiegħek, tisma' lil ħaddieħor u lill-esperti, u tagħti feedback dwar l-ideat tal-gruppi ż-żgħar l-oħra. Fi tmiem il-proċess, il-panel kollu se jasal għal ftehim rigward ir-rakkomandazzjonijiet. Imbagħad, il-Kummissjoni Ewropea se tqis ir-rakkomandazzjonijiet meta timplimenta l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza.

Inti se tkun tista' titkellem bil-lingwa tal-UE li tħossok l-aktar komdu/a biha, billi interpreti professjonali se jiżguraw li kulħadd jifhem lil xulxin fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.



Inti se tkun appoġġat(a) ukoll minn:

- **Esperti mill-“Kumitat għall-Għarfien”**, li jkunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet tiegħek, jispegaw is-suġġett u jipprovdu informazzjoni ġenerali — kemm dwar il-preparatezza kif ukoll dwar il-proċeduri tal-UE. Inti se tagħmel skambji wkoll ma' kelliema diversi oħra li jistgħu jiġu mis-soċjetà ċivili, mill-assoċjazzjonijiet tan-negozju, mill-istituzzjonijiet tal-UE jew mill-akkademja.
- **Faċilitaturi**, li se jgħinu biex is-sessjonijiet fil-gruppi ż-żgħira jimxu bla xkiel u jiżguraw li kulħadd ikun jista' jittkellm u jinstema'. Dawn se jipprovdu ukoll firxa ta' għodod għal ħidma kollaborattiva u teħid kollettiv ta' deċiżjonijiet.
- **Tim ta' organizzazzjoni**: Jekk teħtieġ xi assistenza, għandek xi mistoqsijiet jew diffikultajiet bil-mod kif sejrin l-affarijiet, jew tinnotta xi ħaġa li ma għandhiex isseħħ, jekk jogħġbok tiddejjaqx tkellem lill-**uffiċjal tal-inklużjoni**.
- **Il-persunal tal-Kummissjoni Ewropea**, li se jisma' d-diskussjonijiet tiegħek u li se jipprova jintegra r-rakkomandazzjonijiet tiegħek fil-ħidma tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza.

Xi **osservaturi** — bħal riċerkaturi akkademiċi — jistgħu jsegwu s-sessjonijiet tiegħek iżda mhux se jieħdu sehem fid-diskussjonijiet. **Il-ġurnalisti u l-media** jistgħu jitolbu wkoll li jintervistaw sabiex inti tikkondividi l-esperjenzi tiegħek mal-pubbliku ġenerali, iżda dan huwa fuq bażi volontarja, u ma huwa se jkollok tiegħu sehem f'ebda intervista jekk ma tixtieqx tagħmel dan.



Inti se tiltaqa' mal-parteċipanti l-oħrajn tliet darbiet: darbtejn personalment fi Brussell (il-Belġju) u darba online.

- Sessjoni 1:
bejn l-20 u t-22 ta' Marzu 2026 (fi Brussell)
- Sessjoni 2:
bejn l-24 u s-26 ta' April 2026 (online permezz ta' għodda tal-konferenza bil-vidjo)
- Sessjoni 3:
bejn it-22 u l-24 ta' Mejju 2026 (fi Brussell)

Jekk jogħġbok irrispetta l-ħinijiet tal-laqqgħat u agħmel ċert li tkun preżenti għal kull parti mill-programm. Il-mistoqsijiet kollha tiegħek dwar l-ivvjaġġar, il-lukandi, u l-catering, kif ukoll dwar kwalunkwe kwistjoni organizzazzjonali se tiġi indirizzata u mwiegħba mit-tim tal-avvenimenti. Tista' tikkuntattja lit-tim fuq info@futureu.events. Jekk għandek xi problemi prattiċi, it-tim ta' appoġġ tagħna se jgħinek. Jekk għandek xi bżonnijiet mediċi, jekk jogħġbok għarrafna immedjatament — l-appoġġ se jkun disponibbli fuq il-post jew permezz tar-reception tal-lukanda tiegħek. Jekk għandek ħtiġijiet ta' aċċessibilità jew ta' appoġġ, tista' ġgħib persuna li takkumpanjak biex tgħinek matul il-Panel. Jekk inti minorenni, trid tkun akkumpanjat(a). Madankollu, iċ-ċittadini magħżula b'mod aleatorju biss jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-Panel. **Il-persuni li jakkumpanjawhom** huma mistiedna jingħaqdu bħala osservaturi u jattendu laqqgħat soċjali.

Kull filgħaxija (il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt), se norganizzaw avvenimenti soċjali informali bħal ikliet ta' filgħaxija jew riċevimenti. Dawn se jkunu opportunità mill-aqwa biex tiltaqa' ma' parteċipanti oħra minn madwar l-UE kollha. Il-parteċipazzjoni f'dawn l-avvenimenti hija waħda volontarja, iżda ninkoraġġuk bil-qalb biex tiegħu sehem!

Minbarra l-Panel, qed norganizzaw ukoll dibattitu online dwar il-[Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini](#), li hija miftuħa għal kwalunkwe ċittadin Ewropew li jkun jixtieq jikkondividi l-ideat tiegħu dwar is-suġġett tal-preparatezza. Jekk jogħġbok ħossok liberu/a li tinforma lill-familja, lill-ħbieb u lill-kollegi tiegħek biex jingħaqdu ma' din il-konverżazzjoni u jikkondividu l-perspettivi tagħhom online.

Inti mistieden/mistiedna wkoll tikkomunika dwar l-esperjenza tiegħek fil-Panel fuq il-media soċjali. Biss, agħmel ċert li ma tikkondividix id-dettalji personali jew il-fehmiet ta' parteċipanti oħra, u jekk jogħġbok irrispetta l-privatezza ta' kulħadd. Inti mistieden/mistiedna tuża #EuropeanCitizenPanel, #EuropeanUnion, #EUhaveyoursay, u #EuropeanCommission biex titteggja l-posts tal-media soċjali tiegħek.

3/ Il-kompitu

FUQ XIEX SE TKUN QED TAĦDEM?

Bħalissa, l-Ewropa qed tesperjenza perjodu ta' kriżijiet li jikkoinċidu, inklużi pandemija, għargħar u nirien fis-selvaġġ, blackouts, attacchi ċibernetiċi, u theddid ġeopolitiku. Dawn il-kriżijiet ikkontribwew għal sens mifruż ta' insigurtà fost iċ-ċittadini.

Peress li qed inħabbtu wiċċna ma' kriżijiet aktar intensi u aktar frekwenti minn qatt qabel, huwa kruċjali li l-UE u l-Ewropej ikunu ppreparati biżżejjed għal, u adattati għal dak li jista' jseħħ, u jkunu kapaċi jirrispondu b'mod effettiv.

Il-preparatezza tikkonċerna l-antiċipazzjoni tal-kriżijiet u t-teħid ta' passi prattiċi qabel ma jseħħu d-diżastri. Dan jinvolvi apprendiment dwar ir-riskji possibbli, it-teħid ta' azzjonijiet minn kmieni, u l-ħidma flimkien biex jiġu mmitigati l-impatti tagħhom.

Iċ-ċittadini jaqdu rwol essenzjali fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti. Il-bini ta' futur aktar sikur jeħtieġ li lkoll kemm aħna nsiru parteċipanti attivi fil-prontezza u fir-rispons għall-kriżijiet, u dan l-involvement irid jilħaq lill-partijiet kollha tas-soċjetà.

Dan huwa parti minn approċċ imsejjaħ "Preparatezza tal-Popolazzjoni" fejn kulħadd ikun konxju ta' x'jista' jsir u jkun lest jaġixxi malajr f'każ ta' kriżi. U dan huwa parti mill-[Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza](#) li għaliha l-Kummissjoni Ewropea qed tfittex il-parir tiegħek dwar kif din tista' tiġi implimentata fil-prattika fost il-popolazzjoni Ewropea. **Il-preparatezza hija responsabbiltà kollettiva.** L-awtoritajiet pubbliċi, il-media, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-istituzzjonijiet kulturali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tas-soċjetà ċivili, in-negozji, in-networks u l-komunitajiet lokali, u l-individwi ta' kull età — **ilkoll jaqdu rwol vitali.**

Fl-ewwel nofs tal-2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-[Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza](#). Dan kien riżultat tal-isforzi li saru fil-livell Ewropew — mill-UE u mill-Istati Membri tagħha — biex jinbidel il-mod kif naħsbu dwar il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons. L-aktar importanti, l-istrateġija tirrikonoxxi li s-sensibilizzazzjoni u l-għoti tas-setgħa lil kulħadd, inklużi iċ-ċittadini, biex jinvolvu ruħhom kemm fil-preparatezza individwali kif ukoll f'dik kollettiva huma kruċjali.



IR-RWOL TIEGĦEK

Ir-rwol tiegħek bħala membru tal-Panel huwa li tikkondividi l-esperjenza, l-ideat u l-fehmiet tiegħek dwar il-preparatezza tal-popolazzjoni, u li tgħin tiġġenera kontribut li jista' jitqies mill-UE hija u timplimenta l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak lokali.

Inti mistieden/mistiedna tiddiskuti u twieġeb il-mistoqsijiet ewlenin li ġejjin:

1. **Iċ-ċittadini Ewropej kollha kif jistgħu jiġu involuti, jingħataw is-setgħa u jitħejjew aħjar għall-kriżijiet?**
2. **Kif se niżguraw li l-azzjonijiet u l-inizjattivi tal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza jkunu inklużivi, effettivi, u jirrispondu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha?**


Inti se tirrifletti dwar il-mistoqsijiet ta' gwida flimkien ma' membri sħabek tal-Panel, bl-appoġġ ta' esperti u faċilitaturi matul it-tliet sessjonijiet.

SESSJONI 1: Flimkien mal-parteċipanti l-oħra, inti se tibda billi titgħallem dwar l-isforzi ta' preparatezza fil-livelli lokali, nazzjonali, u Ewropej. Dan se jgħinek **tiżviluppa fehim komuni tal-preparatezza tal-popolazzjoni** u l-ambitu tal-Panel taċ-Ċittadini. Se tidentifika diversi sfidi kif ukoll opportunitajiet u oqsma potenzjali ta' azzjoni fejn nistgħu ntejbju l-prontezza individwali u kollettiva tagħna biex naffaċċjaw kriżijiet differenti fil-futur.

SESSJONI 2: Se tibda taħdem fuq **suġġerimenti u soluzzjonijiet innovattivi** dwar kif għandek ittejjeb il-preparatezza fil-komunitajiet tiegħek u lil hinn minnhom. Se tisma' mingħand esperti, riċerkaturi u ħassieba kreattivi, imbagħad se taħdem fi gruppi biex jiġu żviluppatti ideat u proposti speċifiċi.

SESSJONI 3: Se tirfina u tiffinalizza l-ideat u l-proposti tiegħek. Eventwalment, dawn se jsiru **r-rakkomandazzjonijiet finali** indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rakkomandazzjonijiet jiġu vvotati u adottati fi tmiem din is-sessjoni finali.

Sa tmiem il-Panel, il-viżjoni, il-prijoritajiet u r-rakkomandazzjonijiet kollettivi tiegħek se jappoġġaw ir-riflessjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza. Dawn se jgħinu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jfasslu azzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u li jkunu inklużivi, sinifikattivi u effettivi. Il-Kummissjoni Ewropea se tippubblica wkoll rapport finali ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej — dan se jinkludi sommarju tad-diskussjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet kollha kif proposti minnek u mill-149 ċittadin l-ieħor tal-UE.



4/ Is-sugġett

Il-kriżijiet jistgħu jseħħu fi kwalunkwe ħin, minn għargħar u mewġiet tas-sħana sa qtuġh tal-elettriku u pandemiji. Kemm nimmaniġġjawhom tajjeb jiddependi fuq kemm inkunu ppreparati tajjeb minn qabel.

A) X'inhil-preparatezza?

Il-preparatezza tikkonċerna l-bini tal-kapaċità tan-nies, tal-komunitajiet, tan-negozji u tal-gvernijiet li jirrispondu u jirkupraw flimkien meta tinqala' xi ħaġa mhux mistennija.

Il-preparatezza hija dwar:

- **L-involviment u t-teħid tar-responsabbiltà:** Is-sigurtà u s-sikurezza ta' soċjetà huma responsabbiltà kondiviża li fiha kull persuna għandha rwol x'taqdi. Kulħadd jikkontribwixxi skont il-ħiliet tiegħu — mill-gvernijiet lokali u nazzjonali, il-media, l-iskejjel, is-soċjetà ċivili u n-negozji privati san-networks lokali u ċ-ċittadini individwali, kemm žgħażaġh kif ukoll dawk anzjani.
- **Għarfien tar-riskji:** Dan ifisser li wieħed jitgħallem dwar ir-riskji possibbli, kif dawn jista' jkollhom impatt fuq is-soċjetà u fuq iċ-ċittadini tagħha, u l-importanza li naħdmu flimkien biex nimminizzaw l-effetti tagħhom. Dan jinvolvi wkoll il-preparatezza mentali għall-kriżijiet: Li tirrikonoxxi li tista' sseħħ kriżi, filwaqt li tkun konxju/a mill-fatt li inti tista' tinfluwenza s-sikurezza tiegħek stess, u tafda fil-kapaċità tiegħek li tkampa matul kriżi (**awtoeffikaċja**). Din hija marbuta mill-qrib mar-**reżiljenza**, li hija

l-kapaċità li tirrispondi b'mod effettiv, li tadatta u tirkupra malajr meta jseħħu emerġenzi jew diżastri.

- **It-teħid ta' passi prattiċi qabel kriżi:** Dan jista' jinkludi li tkun taf fejn tista' ssib informazzjoni u kif tista' tibqa' żżomm ruħek infurmat(a), li titgħallem dwar il-pjanijiet ta' emerġenza lokali, li żżomm kit ta' emerġenza sabiex tkun awtosuffiċjenti għal 72 siegħa, li tagħmel kors fl-ewwel għajnuna, li ssir taf lill-ġirien tiegħek, jew li tinvolvi ruħek f'networks lokali tal-komunità, pereżempju permezz tal-volontarjat.

B) Il-preparatezza liema aspetti tkopri?

Inti mistieden/mistiedna tiddiskuti l-qasam wiesa' ta' preparatezza fuq livelli differenti fis-soċjetà, iżda speċjalment dawk li jiffukaw fuq il-preparatezza tal-popolazzjoni għal kriżijiet differenti, bħal:

- **Perikli naturali:** għargħar, nirien fis-selvaġġ, terremoti, eventi ta' temp estrem aggravati mit-tibdil fil-klima u mit-theddid għas-saħħa bħall-mard infettiv u l-pandemiji.
- **Diżastri kkawżati mill-bniedem:** aċċidenti industrijali, fallimenti teknoloġiċi, aċċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari (CBRN, chemical, biological, radiological and nuclear).
- **Theddid ibridu:** attacchi ċibernetiċi, kampanji ta' diżinformazzjoni kif ukoll Manipolazzjoni tal-Infomazzjoni u Interferenza Minn Barranin (FIMI, Foreign Information Manipulation and Interference), u sabotaġġ ta' infrastruttura kritika.
- **Kriżijiet ġeopolitiċi:** kunflitti armati, inkluż il-possibbiltà ta' aggressjoni armata kontra l-Istati Membri.

Tista' tħares lejn il-preparatezza tal-popolazzjoni minn tliet angoli ewlenin:

1. Il-preparatezza tal-**familja tiegħek stess u tal-unità domestika tiegħek** għal kriżi.
2. Il-preparatezza tal-**komunità lokali tiegħek** (bħall-familja, il-ħbieb, il-ġirien, is-soċjetà ċivili) għal kriżi.
3. L-appoġġ mill-**awtoritajiet lokali u nazzjonali** u l-kollaborazzjoni magħhom.



C) X'inhi l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza?

L-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza hija l-pjan tal-Ewropa li tiżgura li kulħadd — il-gvernijiet, il-komunitajiet u ċ-ċittadini — ikun ippreparat aħjar għall-kriżijiet. L-idea hija li l-Ewropa tkun lesta tirrispondi malajr u b'mod effettiv jekk ikun meħtieġ. Din hija mibnija fuq tliet pilastri ewlenin:


1. **Approċċ integrat li jkopri l-perikli kollha**
Minflok ma tipprepara separatament għal kull diżastru possibbli, l-istrateġija tħares lejn **kif għandna nkunu lesti għal kull tip ta' periklu**. Din tagħmel il-preparatezza aktar flessibbli u effiċjenti.
2. **Approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha**
Il-kriżijiet jista' jkollhom konsegwenzi estensivi. Il-preparatezza ma hijiex biss kompitu għall-pumpiera, għas-sewwieqa tal-ambulanzi jew għall-professjonisti tas-saħħa u għas-servizzi ta' emerġenza. Din tinvolvi lil **kulħadd**: lin-negozji privati, lill-gvernijiet lokali, lill-komunitajiet, u liċ-ċittadini kollha.
3. **Approċċ ta' gvern shif**
Livelli differenti ta' gvern, minn lokali għal nazzjonali, huma mħeġġa jaħdmu flimkien u **jkunu ppreparati biex jimmobilizzaw fis-soċjetà kollha**.

D) X'inhuma l-impatti u l-kompromessi potenzjali?

Xi azzjonijiet ta' preparatezza jinvolvu għażliet kumplessi. Dawn jeħtieġu l-ibbilanċjar ta' fatturi differenti, bħal interessi li jikkompetu ma' xulxin, riżorsi limitati, jew tensjonijiet potenzjali bejn valuri differenti. F'xi każijiet, ma hemm l-ebda soluzzjoni "tajba" waħda, iżda pjuttost il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati bir-reqqa l-kompromessi u l-prijoritajiet. Huwa importanti wkoll li l-preparatezza tiġi adattata għall-ħtiġijiet u għaċ-ċirkostanzi individwali.

Dak li jeħtieġ li jitqies huwa:

- L-awtoritajiet pubbliċi kif għandhom jikkomunikaw dwar ir-riskji u l-preparatezza?
- Kif tirreaġixxi jekk tintalab tiżgura s-sikurezza tal-familja tiegħek u tal-komunità tiegħek?
- Kif nistgħu nqisu s-sensittivitajiet nazzjonali u kulturali li jinfluenzaw il-kapaċità tan-nies li jagħmlu sforzi għal preparatezza aħjar?



E) X'jeħtieġ li jiġi diskuss?

Biex ngħinuk tiegħu sehem fid-diskussjoni, aħseb dwar dawn il-mistoqsijiet:

1. Preparazzjoni individwali u komunitarja:

- Inti u n-nies ta' madwarek x'għandkom tkunu tafu u x'għandkom tagħmlu biex tkunu ppreparati?
- X'tip ta' informazzjoni mill-awtoritajiet tistenna li jkollok biex tkun ta' appoġġ għalik sabiex tkun ippreparat(a) tirreaġixxi għall-kriżijiet (eż. lista ta' kontrolli ċara għall-emerġenzi, sistemi ta' twissija permezz ta' sireni, eċċ.)?
- Liema partijiet ikkonċernati u oqsma tas-soċjetà jeħtieġ li jkunu involuti f'xenarji differenti ta' kriżi (eż. kriżi tas-saħħa jew għargħar)?
- X'inhuma l-isfidi komuni li jżommu lilek u lil oħrajn lura milli tkunu ppreparati, u dawn kif jistgħu jingħelbu?
- Taf kif għandek tipprepara kit ta' provvista ta' emerġenza d-dar tiegħek biex tkampa għal mill-inqas 72 siegħa mingħajr elettriku, ilma jew servizzi tas-soċjetà oħra?
- X'tista' u x'għandek tagħmel biex ittejjeb il-preparazzjoni u s-sigurtà ta' oħrajn fil-komunità tiegħek?
- Xi sforzi personali lest(a) li tagħmel biex tkun ippreparat(a) aħjar?
- Il-preparazzjoni kif tista' ssir parti naturali mill-ħajja ta' kuljum tal-persuni? Kif nistgħu nħeġġu kultura ta' preparazzjoni?

2. Kommunikazzjoni u bini tal-fiduċja:

- Kif nistgħu nħeġġu l-kollaborazzjoni bejn iċ-ċittadini, il-gvernijiet, u l-awtoritajiet lokali biex tissaħħaħ il-preparazzjoni?

- L-informazzjoni ta' emerġenza kif tista' ssir aċċessibbli u ċara għal kulħadd, inklużi gruppi f'riskju (eż. persuni b'diżabbiltà, kelliema mhux nattivi, tfal, anzjani)?
- Il-preparazzjoni kif tista' tipproteġi lil dawk fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali li jeħtieġu appoġġ addizzjonali jew kollettiv?
- L-awtoritajiet pubbliċi kif għandhom jikkomunikaw dwar ir-riskji u l-preparazzjoni b'tali mod li jgħieġlek tafdahom?
- Kif għandhom jiġu indirizzati l-informazzjoni żbaljata u d-diżinformazzjoni filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà tal-informazzjoni?
- Kif nistgħu niżguraw li l-informazzjoni mir-riskju li tiltaqa' miegħu tasal għand dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet?

3. Edukazzjoni u bini tal-kapaċità:

- Jeħtieġ li jkollok l-għarfien u l-ħiliet biex taġixxi bħala persuna tal-ewwel rispons?
- Inti, il-familja u l-ħbieb tiegħek x'għandkom bżonn mingħand l-awtoritajiet lokali biex tkunu ppreparati?
- Iċ-ċittadini u l-komunitajiet lokali kif jistgħu jaħdmu flimkien ma' esperti biex jantiċipaw kriżijiet futuri, sabiex il-pjanijiet tal-preparazzjoni jindirizzaw riskji emerġenti u mhux biss diżastri li jkunu diġà seħħew?
- Iċ-ċittadini u l-komunitajiet kif għandhom jiġu involuti fit-tfassil ta' servizzi u ta' infrastruttura essenzjali (bħall-ilma, l-enerġija jew is-saħħa) biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu funzjonali matul eventi klimatiċi estremi?
- X'inhuma l-aħjar modi biex it-taħriġ dwar il-preparazzjoni jiġi integrat fil-kurrikuli tal-iskejjel, fil-programmi taż-żgħażaġh u fl-apprendiment tul il-ħajja?



5/ Riżorsi addizzjonali

Tixtieq tesplora aktar is-suġġetti? Hawn taħt tista' ssib lista ta' riżorsi li l-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll l-esperti esterni mill-Kumitat għall-Għarfien, għażlu għalik. Ma għandekx għalfejn taqrahom jew tarahom kollha (jew saħansitra tista' ma taqra jew tara ebda riżorsa minnhom) — iżda jekk inti kurjuż(a) u trid issir taf aktar, dawn ir-riżorsi jistgħu jservu bħala introduzzjoni faċli, aċċessibbli u utli għas-suġġett.

LISTA TA' RIŻORSI SSUĠĠERITI:


- **L-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza**, inkluża aktar informazzjoni ta' sfond, skedi informattivi u approċċi strateġiċi — disponibbli b'lingwi differenti
- **Disability-inclusive humanitarian action — Guidelines, tools & resources**
- **preparEU Pilot Project**, Recommendations for coordinated and inclusive actions to enhance population resilience across the EU
- **Eurobarometer Disaster risk awareness and preparedness** of the EU population

- Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili (jinkludi Librerija b'taqsimha dwar il-preparatezza bi **Gwidi nazzjonali ta' Preparatezza għaċ-ċittadini (bl-Ingliż): Connect. Share. Grow. | UCP Knowledge Network**)
- **Video Convergence: Courage in a Crisis**
- **Video Cooked Survival by Zip Code (Trailer)**
- **L-ippjanar għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa**
- **Medical Countermeasures Strategy — Public Health — European Commission**

JEKK TRID TKUN TAF SAĤANSITRA AKTAR:

- **Rapport ta' Sauli Niinistö**: Safer Together — Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness







L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea